



Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, il-25 ta' April 2017

Il-hotspots għall-migrazzjoni qed jiffunzjonaw tajjeb, iżda għad fadal xi problemi kruċjali, jgħidu l-Awdituri tal-UE

L-hekk imsejjaħ approċċ “hotspot” tal-UE għal migranti irregolari li kienu qed jaslu l-Italja u l-Greċja għen biex isir titjib sinifikanti fir-reġistrazzjoni, l-identifikazzjoni u l-kontrolli ta' sigurtà tal-migranti. Iżda jeħtieġ li jsir aktar, peress li, skont rapport ġdid li nħareġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, hemm eluf ta' migranti li għadhom imblukkati fuq il-gżejjer Griegi wara l-wasla tagħhom hemm. Ħafna minn dawk li ġew affettwati huma minorenni mhux akkumpanjati, jgħidu l-awdituri, u jenħtieġ li jsir aktar biex dawn jiġu megħjuna.

L-Istati Membri tal-UE huma primarjament responsabbli għall-kontroll tal-fruntieri u għall-iproċessar ta' applikazzjonijiet għall-asil. Il-Kummissjoni Ewropea introduċiet l-approċċ hotspot biex tgħin lill-Greċja u lill-Italja jlaħħqu maż-żieda drammatika u f'daqqa fil-migrazzjoni matul l-2015 u l-2016. Hija tipprovdi appoġġ bl-għan li jiġi żgurat li l-migranti irregolari jiġu identifikati, irreġistrati u jitteħdulhom il-marki tas-swaba' malli jaslu, u li huma mbagħad jingħaddew għall-proċeduri ta' segwitu rilevanti.

L-awdituri sabu li l-approċċ kien għen biex isir titjib fil-ġestjoni tal-migrazzjoni fl-Italja u fil-Greċja, f'ċirkustanzi diffiċli ħafna u li kienu qed jinbidlu kontinwament. Għalkemm l-istabbiliment tal-hotspots dam aktar milli kien ipplanat, dawn żiedu l-kapaċità taż-żewġ pajjiżi biex jirċievu l-migranti, tejbu l-proċeduri ta' reġistrazzjoni u saħħew il-koordinazzjoni fost id-diversi aġenziji involuti. Madankollu, minkejja l-appoġġ konsiderevoli mogħti mill-UE, l-awdituri xorta waħda sabu li l-faċilitajiet ta' akkoljenza fiż-żewġ pajjiżi ma kinux adegwati biex jirċievu (l-Italja) jew biex jakkomodaw (il-Greċja) kif suppost l-għadd ta' migranti li kienu qed jaslu.

L-approċċ hotspot jirrikjedi wkoll li l-migranti jingħaddew għal proċeduri ta' segwitu xierqa, jiġifieri applikazzjoni nazzjonali għall-asil, rilokazzjoni għal Stat Membru ieħor (fejn xieraq) jew ritorn għall-pajjiż ta' oriġini (jew ta' tranżitu). Iżda ta' spiss dawn il-proċeduri ta' segwitu jimxu bil-mod u huma suġġetti għal punti ta' konġestjoni li jaqgħu fi ħdan ir-responsabbiltà tal-Istati Membri. Fil-Greċja, minn Marzu 2016 'il hawn, il-migranti l-ġodda li waslu ma tħallewx aktar imorru fuq l-art kontinentali, iżda minflok iridu jippreżentaw l-applikazzjoni tagħhom għall-asil fil-hotspots. Barra minn hekk, ma għadhiex possibbli li ssir rilokazzjoni, u r-ritorn tal-migranti miexi

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali adottat mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Ir-rapport sħiħ jinsab fuq www.eca.europa.eu.

ECA Press

Mark Rogerson – Kelliem T: (+352) 4398 47063

Damijan Fišer – Uffiċjal tal-Istampa T: (+352) 4398 45410

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditors eca.europa.eu

M: (+352) 691 55 30 63

M: (+352) 621 55 22 24

bil-mod. B'riżultat ta' dan, għadhom qed jaslu aktar migranti fil-hotspots milli qed jitolqu minnhom, u għalhekk dawn huma ffullati ħafna. Fl-Italja, peress li l-migranti jirċievu informazzjoni aħjar dwar ir-rilokazzjoni, ġew identifikati aktar kandidati, u l-awdituri jwissu li l-problema prinċipali issa hija n-nuqqas ta' impenji mill-Istati Membri. Sa Settembru 2016, l-Istati Membri kienu formalment impenjaw lilhom infushom li jieħdu total ta' 3 809 persuni biss mill-Italja, meta mqabbel mal-impenn kumplessiv li kien sar biex jiġu rilokati 34 953 persuna.

L-awdituri jżidu li sors ieħor ta' tħassib kbir għaż-żewġ pajjiżi huwa n-nuqqas ta' faċilitajiet adegwati biex jakkomodaw u jipproċessaw minorenni mhux akkumpanjati, li minnhom kien stmat li hemm 2 500 fil-Greċja u aktar minn 20 000 fl-Italja sa tmiem Settembru 2016.

“Fi tmiem l-2016, kien għad hemm nuqqas ta' faċilitajiet adegwati biex jakkomodaw u jipproċessaw minorenni mhux akkumpanjati f'konformità ma' standards internazzjonali, kemm fil-hotspots kif ukoll fil-livell suċċessiv ta' akkoljenza,” qal is-Sur Hans Gustaf Wessberg, wieħed miż-żewġ Membri tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għar-rapport. “Jeħtieġ li din il-kwistjoni tiġi indirizzata b'urġenza.”

Ibbażat fuq dawn l-osservazzjonijiet, l-awdituri jagħmlu għadd ta' rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni biex din tassisti lill-Istati Membri jtejbu l-approċċ hotspot f'dak li jirrigwarda l-kapaċità, l-iskjerament ta' esperti u r-rwoli u r-responsabbiltajiet. Biex isir titjib fit-trattament ta' minorenni mhux akkumpanjati, huma jirrakkomandaw li l-Kummissjoni titlob li jinħatar uffiċjal għall-protezzjoni tat-tfal għal kull sit.

Noti lill-Edituri

Appoġġ finanzjarju huwa disponibbli għall-Greċja u għall-Italja fil-qafas tal-programmi nazzjonali mill-fondi AMIF u FSI tal-UE, jgħidu l-awdituri, iżda l-ebda rapport dwar l-użu ta' dawn il-fondi għall-hotspots ma kien disponibbli fiż-żmien meta sar l-awditu.

Il-Kummissjoni Ewropea rrappurtat li, mill-bidu tal-2015, hija kienet tat aktar minn EUR 350 miljun lill-Greċja f'finanzjament ta' emerġenza, kif ukoll aktar minn EUR 190 miljun f'appoġġ umanitarju. L-assistenza f'każ ta' emerġenza li ngħatat lill-Italja sa tmiem l-2016 ammontat għal total ta' kważi EUR 63 miljun. L-ebda rapport dwar l-użu ta' dawn il-fondi għall-hotspots ma kien disponibbli fiż-żmien meta sar l-awditu.

Ir-Rapport Speċjali "Ir-rispons tal-UE għall-kriżi tar-refuġjati: l-approċċ "hotspot" sar taħt is-superviżjoni konġunta ta' żewġ Membri tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, is-Sur Hans Gustaf Wessberg u s-Sur Istvan Szabolcs Fazakas. Huwa disponibbli fuq is-sit web tal-QEA (eca.europa.eu) bi 23 lingwa tal-UE.